

32006D0256

L 92/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-27 ta' Marzu 2006****li temenda għat-tieni darba d-Deċiżjoni 2005/758/KE fir-rigward ta' l-estensjoni tal-partijiet tal-Kroazja suġġetti għal ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 891)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/256/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 18(7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/758/KE tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' suspett ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fil-Kroazja u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/749/KE ⁽³⁾ għet adottata fuq notifika lill-Kummissjoni minn dak il-pajjiż terz dwar suspett ta' virus A tas-sottotip H5, ta' l-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'għasafar selvaġġi fit-territorju tiegħu.
- (2) Il-Kroazja rrapportat aktar każijiet f'għasafar selvaġġi barra ż-żona attwalment reġjonalizzata f'dik id-Deċiżjoni li jiġ-ġustifikaw l-estensjoni tas-sospensjoni ta' ċerti importazzjonijiet mill-Kroazja bil-għan li tkun koperta l-parti mil-quota l-għdida tat-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

(3) Id-Deċiżjoni 2005/758/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 2005/758/KE jiġi sostitwit bit-test ta' l-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jipubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinformat immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1); verżjoni kkoreġuta ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 285, 28.10.2005, p. 50. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/11/KE (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 29).

ANNEX

“ANNEX

Parti mit-territorju tal-Kroazja msemmija fl-Artikolu 1(1)

Kodiċi ISO tal-pajjiż	Isem il-pajjiż	Il-parti tat-territorju
HR	Il-Kroazja	Fil-Kroazja, il-kontej ta': — Viroviticko-Podravska — Osjecko-Baranjska — Splitsko-Dalmatinska”